# Il-Ħuttafa

numru 126

Jannar - Frar 2015




€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf



# Ħej Ħuttaf...

Għadni dieħel minn mixja sabiħa fil-kampanja u għandi l-kamera mimlija ritratti ta' fjuri!

Kos, meta kont tifel il-kotba li kelli tan-natura kollha kienu jgħidu li fix-xitwa n-natura torqod. Imbagħad kont noħroġ mal-familja u x'insib? Madwari kollu ħaxix ġdid u ħdura, u fjuri tan-narċis u qarsu u lellux u buttuniera, u faqqiegħ fid-dell, u mrieżep u żrinġijiet fin-nixxigħat, u tektik ta' pitirrossi kullimkien, u psiepes u zizka u sturnell.

Ma tantx kienet tidher rieqda n-natura! Tgħid il-kotba kellhom żball?

Le, ir-raġuni kienet li l-istaġuni mhumiex l-istess mad-dinja kollha. Per eżempju fl-Ewropa ta' Fuq fix-xitwa tagħmel kesħa tal-waħx u l-borra tiksi l-art ġimgħat u xhur sħaħ. X'ma torqodx in-natura hemmhekk! Imma fl-inħawi tal-Mediterran ix-xitwa mhix daqshekk qalila. Fin-naħat tagħna huwa s-sajf li jaħqar lin-natura bin-nixfa u s-sħana. F'pajjiżi bħal Malta ħafna natura fil-fatt torqod mhux fix-xitwa imma fis-sajf.

U l-kotba? Ħeqq, mid-dehra l-kotba li kelli kienu kollha fuq in-natura f'pajjiżi bħall-Ingilterra. Għalhekk kont nitħawwad.

B'xorti tajba llum intom m'għandkomx għax titħawdu għax kotba fuq in-natura Maltija qegħdin ftit ftit jiżdiedu.

Imma issa ħa nħallikom għax ksaħt u naħseb dieħel norqod!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



Desirée Falzon

Dehra ta' parti mill-mogħdija fir-riserva naturali tal-Għadira. Ilkom ma tmorru? Qatt mortu? X'qed tistennew? Ir-riserva tkun miftuħa Sibtijiet u Ħdud mill-10am sal-4pm. Bħal dejjem, dħul b'xejn. Bħalissa tkun bellezza bil-ħdura. Morru!

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Attività | 6 |
| Intervista mal-Karfus il-Ħmir | 6 |
| Il-Mistednin | 7 |
| Arti fil-Foresta | 8 |
| X'nista' nara tgħid? | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Il-Ballut tal-Wardija | 10-11 |
| Iktar attività | 12 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon. Megħjun minn Hannah Chisholm.

### Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €10 fis-sena.

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, Frar 2015

Disinn u produzzjoni Victor Falzon, Chris Cachia Zammit
Stampat għand Poulton's Print Shop




## Mal-faċċata



Il-**Brimba Sewda** (Maltese Spider Orchid) hija waħda minn diversi orkidi li jikbru f'pajjiżna. Anzi mhux talli tikber f'pajjiżna, imma tikber BISS f'pajjiżna. Hekk hu, hija pjanta ENDEMIKA. U kif taraw mir-ritratt, tagħmel fjuri sbieħ u delikata. Mhix komuni.

Ritratt ta' Victor Falzon




# Ir-referendum ħa jsir.

Bħal daż-żmien sena konna ħabbarna (f'*Il-Ħuttafa* 120) li l-BirdLife flimkien ma' diversi għaqdiet oħrajn konna għamilna sforz kbir u ġbarna 44,000 firma. Dawn il-firem kienu nġabru biex f'Malta jsir referendum fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa. Jiġifieri tiġi ġurnata li fiha l-Maltin jistgħu jmorru jivvutaw jekk iridux li tibqa' ssir kaċċa fir-rebbiegħa. Ftit ġimgħat ilu sirna nafu li IVA dan ir-referendum ħa jsir, u ħa jsir fil-**11 April 2015**. F'dik id-data l-Maltin ħa jiddeċiedu jekk il-kaċċaturi għandniex inkomplu nħalluhom joħorġu joqtlu l-għasafar fl-istaġun tal-bejta.

Għalhekk fil-ġimgħat li ġejjin ser tisimgħu ħafna fuq din il-biċċa xogħol. Aħna li nħobbu n-natura s'intendi se ngħidu **LE GĦALL-KAĊĊA FIR-REBBIEGĦA.**

# Il-blonġuni jbakkru !

Fir-riserva naturali tas-Simar żewġ pari (s'issa!) Blonġuni Żgħar (Little Grebe) għadhom kemm bdew familja! Kull par għandu fellus wieħed (s'issa!). Din hija vera ħaġa speċjali, l-ewwelnett għax dan l-għasfur ma jbejjet imkien iktar fis-selvaġġ f'Malta. It-tieni nett għax li tbejjet fl-eqqel tax-xitwa hija stramba. F'imkejjen oħrajn fl-Ewropa fejn ibejjet il-Blonġun Żgħir mhux normali li jbejtu daqshekk kmieni. Is-soltu jbejtu fir-rebbiegħa bħal għasafar oħrajn! Jekk tridu tgawdu dawn il-ħlewwa ta' frieħ, aqbżu qabża sar-riserva. Is-Simar qiegħed fix-Xemxija u jkun miftuħ għall-publiku **nhar ta' Ħadd mill-10am sal-4pm** (dħul bla ħlas).



Tim Micallef



Aron Tanti

# Ċaw Ballerini ! :(

Dawk iż-żewġ Fjamingi żgħażagħ li tant tkessaħna bihom fl-aħħar ħarġa tal-magażin m'għadhomx hemm :( Fil-lejl ta' bejn il-Ġimgħa 23 u s-Sibt 24 ta' Jannar daħal għalihom xi ħadd bil-moħbi fir-riserva tal-Għadira u l-għada filgħodu l-Fjamingi kienu sparixxaw. X'ġara minnhom? Jew tgerrxu u taru, jew inkella l-kriminal li daħal għalihom qatilhom u bħalissa qegħdin f'xi friżer jistennew li jsiru statwa ġo vetrina. X'seħta ta' vizzju!



Aron Tanti

# Sebat elef u tmien mija !

Nhar is-Sibt 10 Jannar grupp ta' 21 voluntiera mill-BirdLife marru l-Belt Valletta. Le mhux biex jixtru mir-Roħs ta' Jannar! Iltaqgħu biex jgħoddu z-Zizka Bojod (White Wagtail). Dawn l-għasafar jinġabru f'numri kbar biex jorqdu fis-siġar fl-inħawi ta' Pjazza Assedju. Post fejn jinġabru l-għasafar biex jorqdu ngħidulu *roost*. Dan l-istudju ilu jsir ħafna snin u s-siġar f'din il-pjazza minn dejjem kienu l-ikbar *roost* taz-Zakak Abjad f'pajjiżna. F'temp ta' nofs siegħa (5.00–5.30pm) daħlu l-Belt total ta' **7805** zakak!

Dan in-numru kiser bi ftit ir-rekord s'issa, li kien 7761 (fl-2009). Grazzi kbira lin-nies tal-BirdLife li ħadu sehem, b'mod speċjali lill-ħabib tagħna Denis Cachia li kull sena jorganizza dal-proġett interessanti.

Desirée Falzon

Ara, frejm vojt! Dan ħarablek, Sur Editur.

Tuba! Dak għax is-siġar t'hemm wara huma Luq.


Alex Casha

Fix-xitwa l-**luq** iwaqqa' l-weraq. Fir-rebbiegħa joħroġ weraq ġdid, li minn taħt huma bojod u jagħmlu effett sabiħ, qisu s-siġra qed ixxejjirlek meta tgħaddi żiffa. Il-luq jikber l-iktar fejn jgħaddi l-ilma.


Aron Tanti

Il-**ħuttaf** itir b'ħeffa kbira u jogħdos mal-wiċċ tal-ilma biex jaqbad l-insetti filwaqt li jżomm ħalqu miftuħ qisu basket. Jidher l-iktar fir-rebbiegħa u l-ħarifa.


Aron Tanti

Kif juri isimha, il-**bufula tal-qasab** tħobb il-qasab. Fir-rebbiegħa tgħaddi minn Malta fi triqitha mill-Afrika lejn l-Ewropa. Uħud ibejtu fil-qasab li jikber fir-riserva tas-Simar.

Iż-**żrinġ** jadatta għall-istaġuni differenti fil-widien. Fil-ħarifa jbid fl-ilma, ifaqqsu l-imrieżep u wara xi sitt ġimgħat fl-ilma jrabbu s-saqajn u jsiru żrinġijiet żgħar. Fin-nixfa tas-sajf iż-żrinġ jorqod f'toqba niedja fit-tajn.


Desirée Falzon


Victor Falzon

**Il-qasab** tarah jikber f'ħafna widien. Għandu għerq b'saħħtu ħafna tawwali li jikber laġenba tul il-medda tal-wied. Fil-qasab jgħixu u jistkennu diversi għasafar u insetti.

Malta għandna ħafna **widien** qalb l-għoljiet. Hemm widien li ma jżommux ilma, oħrajn li jkollhom l-ilma fix-xitwa, bħal **Wied Qlejgħa** (Chadwick Lakes) li jidher fir-ritratt, u oħrajn li jżommu l-ilma s-sena kollha. Minn dawn tal-aħħar ftit għandna, bħall-Wied tal-Baħrija u Wied il-Lunzjata. Meta post jinbidel daqshekk minn staġun għal ieħor il-ħajja ta' ġo fih trid tadatta wkoll. Min iħobb l-ilma jrid jieħu vantaġġ ta' dawk il-ftit xhur meta l-widien ifuru bl-ilma, u jrid ikun kapaċi wkoll jibqa' ħaj meta l-wied jinxef.

## Ambjenti u Residenti

# Widien bl-Ilma

Desirée Falzon



Victor Falzon

Il-**mazzarelli** jħobbu jħufu ma' wiċċ l-ilma. Ikunu xi mara qed tfittex fejn tpoġġi ħalli tbid fl-ilma, jew raġel idur mat-territorju, jew biex jaħtfu xi nemusa mill-ajru. Iż-żgħar ifaqqsu u jgħixu fl-ilma.



Aron Tanti

Il-**vjolin tax-xitwa** huwa għasfur żgħir ħadrani li tarah f'numri żgħar ifittex l-insetti qalb il-weraq tal-pjanti ħdejn l-ilma. Jgħanni qisu vjolin jew sega b'żewġ noti.



Victor Falzon

F'xi nixxigħat ġieli tara f'wiċċ l-ilma pjanta b'weraq aħdar skur li jifforma xibka fina. Din hija ċ-**ċfolloq tal-ilma** u tagħmel fjuri żgħar bojod bin-nofs isfar skur.



Alex Casha



Pjanta li tħobb widien bl-ilma hija l-**biżbula tal-ilma**. Għandha weraq kbir u fir-rebbiegħa tagħmel fjuri żgħar delikati bi tliet petali roża ċar.



Guido Bonett

Il-**qabru** ma jafx jgħix barra mill-ilma u għalhekk huwa rari ħafna f'Malta. Dan l-annimal endemiku ssibu fil-ftit widien li jżommu l-ilma s-sena kollha. Jiekol insetti u ħniex tal-ilma.




# Il-Mixja ta' Marzu

Reġgħet waslet il-mixja tas-sena. Din id-darba ħa nużaw ir-rotta sabiħa mir-Rabat sax-Xemxija, rotta li tgħaddina minn kampanja sabiħa fl-inħawi tad-Dwejra, Binġemma u San Martin. Mixja ta' 10km.

Kif tafu dawk li ġejtu drabi oħra, għal din il-mixja nħobbu niġbru xi ħaġa tal-flus. B'dawn il-flus aħna mbagħad nixtru affarijiet li l-BirdLife ikollha bżonn. Per eżempju bil-flus tas-sena l-oħra xtrajna ħafna trombi biex jużawhom l-istudenti li jżuru r-riservi naturali u li jattendu l-ħarġiet tal-Klabb. Din is-sena bil-flus li niġbru ħa nagħmlu **birdtable kits** għall-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex.

## Narawkom eh...

Ħa nipprovdu trasport lura (€1) mix-Xemxija għar-Rabat fis-1pm.

**DATA**

**Il-Ħadd 15 Marzu 2015**

**ĦIN**

**8.30am** (il-mixja tibda **9am**)

**NILTAQGĦU**

Quddiem **il-Mużew tal-Istazzjon tal-Ferrovija,** ħdejn l-Imdina (ara l-mappa) - jekk ma tafux fejn, morru ħdejn il-Villa Rumana u jidderiġukom minn hemm.

**MERĦBA**

**Membri kollha* u l-familja, ħbieb u skejjel**.**

*Tfal ta' taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+).
**Skejjel għandhom jibbukkjaw billi jċemplu 21347644/5 jew b'imejl lil education@birdlifemalta.org



# Intervista ma' fjura




Karfus il-Ħmir
Alexanders

Victor Falzon

**Bonġu, inti l-karfusa li nixtru mingħand tal-ħaxix?**
Le, jgħiduli karfusa għax il-weraq tiegħi jixbħu lil tal-karfus.

**U l-ħmir x'għandhom x'jaqsmu?**
M'għandhom x'jaqsmu xejn. Hija drawwa fl-ilsien Malti li meta pjanta tkun tixbaħ oħra jlaqqmuha 'tal-ħmir', 'tal-ħnieżer', eċċ.

**Għandek bukketti sbieħ, qed ifakkruni fi pjanta oħra...**
Forsi qed ifakkruk fil-fjuri tal-bużbież u l-ferla?

**Eżatt, kif indunajt?**
Għax dawk huma kuġini tiegħi. Aħna qegħdin familja kbira li nissejħu umbelliferi?

**X'għedt? Umbrelli?**
Kważi! Fil-fatt jekk tħares lejn il-bukketti tal-fjuri tagħna fhiex ifakkruk?

**Ħaħa qishom umbrelel!**
Prosit.

**Għandhom riħa l-fjuri?**
Għandhom, u ħafna insetti jħobbuha għax spiss iżuruni naħal, żnażan u ħanfus.

**Ħadt gost nitkellem miegħek, imma ħa jkolli nħallik. Ċaw.**
Jien ukoll għandi x'nagħmel. Saħħa lilek.

# il-Mistednin










**Fil-ġranet keshin tax-xitwa l-għasafar jieħdu gost bi ftit karità! Armawlhom bird table fil-ġardina u ħudu gost arawhom inaqqru l-ikel. Ir-ritratti f'dil-paġna kollha ttieħdu f'ġardini f'Malta, ħlief tal-merill, li ttieħed f'Għawdex fuq bird table armata... f'gallerija!**













Ritratti ta' Victor Falzon ħlief il-kapinera (ta' Ray Galea) u l-merill (ta' Joe Sultana)

# Arti fil-Foresta

Kathleen Mamo



Daniel Robinson 8



Matthew Robinson 6



Jasmine Spiteri 9
Kay Testa 8

Is-Sibt 6 ta' Diċembru 2014 wara nofsinhar. Ġurnata sabiħa għal mixja fil-kampanja. Imma l-membri ta' Klabb Ħuttaf li ġew dakinhar kienu lesti għal aktar minn hekk. Ilkoll ġibna l-ikel għal piknik fil-Foresta 2000.

Iltqajna quddiem ir-riserva tal-Għadira. L-ewwel dħalna ngawdu ftit żewġ fjamingi li kienu qed jippassiġġaw fl-ilma baxx tar-riserva. Minn hemm soqna sa Foresta 2000 u bdejna l-passiġġata tagħna. Ġie magħna r-*ranger* Ray Vella li spjegalna kif bdiet l-ideja tal-Foresta u laqqagħna mas-siġar u l-pjanti differenti.

F'nofs il-mixja tnejn mill-membri – Martina u Rebekah – tawna biċċa xogħol x'nagħmlu. Qalulna niġbru weraq, zkuk, prinjol u anke xi ġebliet żgħar li nsibu mal-mogħdija. Imma ma ridux jgħidulna għaliex. Regola waħda kellna: stajna niġbru biss dak li jkun waqa' fl-art u ma naqtgħu xejn mis-siġar u l-pjanti.

Wasalna f'fetħa sabiħa, ilkoll b'idejna mimlijin u anzjużi biex insiru nafu kif ser nużaw dak li ġbarna. Hawnhekk Martina u Rebekah qalulna biex bihom noħolqu xi ħaġa artistika marbuta mal-Milied. Inqsamna fi gruppi u qgħadna nivvintaw. Veru ħadna gost. Wara ħadna xi ritratti (kif taraw hawn fuq) u erġajna poġġejna kollox lura fil-Foresta.

Kienet ħarġa bellezza u issa għandi ġenn għall-ħarġa li jmiss: il-mixja għan-natura fil-15 ta' Marzu. Nispera narakom.






**Għakrux Mara fuq werqa tal-Għansar**
Francesco Tanti 7

## X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio**

### Pespus Meadow Pipit *Anthus pratensis*

Lil min ikun irqiq ħafna u ma tantx jiekol ngħidulu 'pespus'. Il-Pespus huwa għasfur żgħir daqs Tal-Bejt li jidher fil-ħarifa u x-xitwa. Għall-kuntrarju tal-idjoma, iqatta' ħafna ħin jiġri fl-art ifittex dud u insetti biex jikolhom. Il-Pespus issibu l-aktar f'kampanja miftuħa u fix-xagħri, fejn il-lewn mitfi tiegħu jgħinu jinsatar. Meta tersaq lejh, itir titjira mmewġa filwaqt li jsemma' t-tpespisa li minnha ħa ismu, u malajr jerġa' jinżel fl-art. Għandu wkoll għanja sabiħa imma f'pajjiżna ma nisimgħuhiex. Għalkemm għadu għasfur pjuttost komuni, fl-antik kien jidher f'numri akbar. Fi żmien il-passa jidhru għasafar oħra mir-razza tal-Pespus, bħad-Diżż (Tree Pipit) li jixbħu ħafna fid-dehra. Jingħarfu aktar mill-għajta milli mid-dehra.



Victor Falzon

# FALKO - Żgħażagħ BirdLife Malta



## Ħbieb Falkuni

Hekk kif dħalna f'sena ġdida, l-għaqdiet favur il-konservazzjoni tan-natura f'Malta kellhom suċċess kbir. Dan għaliex ix-xogħol li sar biex ineħħu l-kaċċa fir-rebbiegħa ma sfaxxax fix-xejn.

Wara xhur ta' ġbir ta' firem, li fihom konna ġbarna 44,000 firma, issa għandna l-konferma li se jsir ir-referendum. Il-Maltin għandhom ċans uniku li fil-11 ta' April jiżguraw li fir-rebbiegħa qatt ma jkun permess il-qtil tal-għasafar li jkunu lesti biex ibejtu.

Għalkemm ħafna minnkom għad m'għandkomx l-età biex tivvutaw, xorta tistgħu tkunu parti mill-kampanja SHout (**Spring Hunting Out**). Żgur li diġà qed tisimgħu ħafna opinjonijiet fuq ir-referendum u l-kaċċa fir-rebbiegħa. Importanti li bħala membri intom ukoll tgħaddu l-messaġġ favur l-għasafar u l-ambjent li tant għandna għal qalbna. Il-messaġġ huwa sempliċi: LE għall-kaċċa fir-rebbiegħa!

Waqt li nixtiqilkom l-aħjar għall-eżamijiet, inħeġġiġkom tattendu l-attivitajiet li se jkollna għalikom wara l-perjodu tal-istudju. Narakom!




*Tim*

**Tim Micallef**
Kordinatur Falko




Membri Falko waqt il-ħarġa f'Wied Għajn Riħana nhar il-Ħadd 31 Jannar 2015.




Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falko BirdLife Malta**)
Ittawlilna spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet.

Dejjem infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel lil Tim (**79071796**) jew lil Nick (**9909190**) jew ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com** jew ħallilna messaġġ fuq **Facebook**.

## Mawra s'Għawdex

Data: **Il-Ħadd 8 Marzu 2015**
Età FALKO 13+

Mawra s'Għawdex dejjem interessanti mhux biss għax Għawdex maqtugħ minn Malta, imma anke l-qasma bil-baħar taf tkun tajba għan-natura. Aħna tal-Falko ħa nitilgħu waħda s'hemm u nagħmlu ġurnata nduru nfittxu u ngawdu l-irkejjen naturali. Marzu tkun bdiet dieħla r-rebbiegħa u l-fjuri jkunu fl-aqwa tagħhom. U tkun bdiet ukoll il-passa tal-għasafar. Kellmuna jekk titħajru tiġu magħna.







Christopher Cachia Zammit

## Tlaqna Kemmuna

Data: **Il-Ħadd 19 April 2015**
Età FALKO 13+

U bħalma nagħmlu kull sena ħa naqbżu wkoll qabża sa Kemmuna, gżira żgħira fid-daqs imma kbira fil-valur naturali, għax hija Santwarju tal-Għasafar u Sit Natura 2000. Kif inkunu hemm inżuru r-Ringing Station tal-BirdLife f'Wied l-Aħmar. Kellmuna jekk titħajru tiġu.





Victor Falzon

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Il-Ballut tal-Wardija



## Fejn qiegħed?

Il-Ballut tal-Wardija qiegħed ma' ħenb ta' għolja li tittawwal fuq ix-Xemxija.

**Malta għandha ambjenti naturali li huma varjati daqs kemm huma interessanti. Ambjent naturali li żgur li huwa nieqes sew f'Malta huwa dak tal-foresti.**

## Dari ma kienx rari

Xi darba żgur kien hawn foresti ħafna ikbar, kemm f'Malta kif ukoll mal-pajjiżi tal-kosta kollha tal-Mediterran. Imma bil-wasla tal-bniedem l-imsaġar bdew ftit ftit jonqsu, jew għax kellna bżonn l-art għall-biedja u għall-bini, jew għax kellna bżonn l-injam tas-siġar, jew ħafna drabi minħabba t-tnejn. Insomma ftit ftit spiċċaw il-foresti u bdejna noħolqu Malta kif nafuha llum, bil-meded kbar ta' agrikoltura, bil-bini, bit-toroq u bl-infrastruttura kollha li aħna l-bnedmin neħtieġu.

## Il-buż-buż-buż-buż-buż-...

Il-Ballut tal-Wardija huwa interessanti għax huwa fdal ta' dak iż-żmien meta Malta kellha boskijiet ħafna ikbar milli għandha illum (jew forsi aħjar ngħidu milli *m'għandhiex* illum!). F'Malta għandna biss erba' postijiet bi fdalijiet tal-foresti l-antiki, u dan huwa wieħed minnhom.

Il-**Ballut** li nsibu hawnhekk x'aktarx li huma fost l-eqdem siġar f'Malta, b'età li tista' tkun ta' xi 1000 sena! Fil-ħajja tal-bnedmin, f'elf sena jitwieldu xi 30 ġenerazzjoni ta' nies, jiġifieri (1) inti, u qablek (2) ommok u missierek, u qabilhom (3) in-nanniet, u qabilhom (4) il-bużnanniet – u nkomplu sejrin lura bil-buż-buż-buż-buż-nanniet għal 30 darba! Fil-fatt jekk immorru lura elf sena fl-istorja ta' Malta – fis-sena 1015 – naslu fiż-żmien meta Malta kienet taħt il-ħakma Għarbija, u fil-bidu nett tat-tnissil tal-lingwa Maltija! Matul daż-żmien kollu dawn is-siġar baqgħu hemm – tul assedji, gwerer, imperi, rejiet, kavallieri, twelid u mwiet – iħaddru u jżerrgħu.

Qisu ż-żmien ma jfisser xejn għalihom dawn is-siġar! Fir-ritratt ta' fuq taraw waħda minn dawn il-ballutiet majestużi.

Victor Falzon



Il-frott tal-ballut jgħidulu ġandar, bl-Ingliż *acorns*.



żnuber



deru







mappa Victor Falzon

## Sit sinjur

Dan is-sit Natura 2000 mhuwiex ta' valur biss għall-Ballut, għalkemm żgur li tapprezzaw il-valur storiku u ekoloġiku ta' dawn is-siġar. Insibu wkoll diversi siġar taż-**Żnuber**, li wkoll huma antiki, u li għalkemm tħawlu mill-bniedem żmien ilu, issa saru parti integrali mill-komunità naturali. Hemm ukoll siġar taż-**Żebbuġ**, **Ħarrub**, **Deru**, **Riħan** u **Rummien**, kif ukoll popolazzjonijiet ta' **Żagħrun** u **Alaternu**. Din tal-aħħar xejn ma hi komuni fil-Gżejjer Maltin, u din t'hawn hija waħda mill-ftit popolazzjonijiet naturali ta' din l-ispeċi. Hemm ukoll diversi speċi ta' fungi li jikbru hawnhekk u li ma tantx jinstabu f'postijiet oħra. Il-fawna tas-sit hija wkoll ta' interess kbir, u tinkludi ħafna insetti endemiċi, rari, jew mhedda fil-Gżejjer Maltin, u li jiddependu minn dan l-ambjent uniku.

Minħabba l-istorja tiegħu, il-Ballut tal-Wardija għandu ċertu seħer kważi maġiku. Imma dan l-ambjent huwa wkoll [1]vulnerabbli immens, fdal uniku ta' ambjent li m'għadux jeżisti f'artna. Għandu jservina ta' widen biex inħarsu l-wirt naturali kollu li għadna nistgħu ngawdu.



L-*Amanita ovoidea* hija speċi ta' faqqiegħ rarissma f'Malta. S'issa nstabet biss fil-Ballut tal-Wardija.

[1]**vulnerabbli.** Annimal, pjanta jew ħabitat li ma tantx ikunu komuni u li hemm xi periklu li minħabba fih jistgħu jsiru rari jew jinqerdu.




Tpinġijiet meħudin mill-ktieb *Flora u Fawna ta' Malta* (Dipartiment għall-Ħarsien tal-Ambjent 1995)




***Torneuma maltense***
**Bumunqar endemiku għal Malta**

Bħalma għamilna b'suċċess is-sena l-oħra, se nerġgħu nagħmlu kaċċa għall-bajd u attivitajiet oħrajn tat-tip *nature detectives* għalikom u għall-familja kollha. Ejjew ħudu pjaċir magħna!






# Kaċċa għall-Bajd tal-Għid

Data
**Is-Sibt 4 April 2015**
Post
**Ir-Riserva naturali tas-Simar**
**Importanti li tibbukkjaw.**
Ibagħtu imejl lil
education@birdlifemalta.org
jew ċemplu **21347644**
fejn tingħataw iktar dettalji.

## Jekk iġġedded is-sħubija fi Klabb Ħuttaf (jew tidħol membru jekk m'intix) għandna dal-ktieb għalik.








40 paġna ta' pjanti u annimali biex tagħtihom kulur.

**Ħaffef qabel jispiċċaw!**



Dan il-ktieb ma jinstabx għall-bejgħ.
Sħubija fi Klabb Ħutaf hija €10